MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru 1339/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Fabian Sciriha, iben Francis Xavier, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ mejju, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta’ settembru, 2007 bejn it-8.00 a.m. u il-11.00 a.m. minn ġewwa l-Isptar San Luqa kkometta serq ta’ handbag, telefon ċellulari, flus u oġġetti oħra għad-dannu ta’ Dr. Fiona Vella MD minn Ħaż-Żebbuġ, liema serq hu aggravat bil-lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fil-perjodu bejn l-24 ta’ settembru, 2007 u fil-ġranet ta’ wara ġewwa diversi postijiet fil-gżejjer maltin xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxuhom u cioe’ l-oġġetti

msemmija fl-ewwel akkuża għad-dannu ta' l-istess persuna msemmija, kif ukoll għad-dannu tal-HSBC Bank plc;
3. talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu minn din il-Qorti fl-20 ta' jannar, 2004;
4. talli kiser l-ordnijiet imposti fuqu minn din il-Qorti u dan kemm għal ksur ta' sentenza sospiża u kemm għal ksur ta' ordni ta' probation b'sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputat bħala li huwa reċidiv u dan wara li nstab ħati b'sentenżi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' ottubru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha ħlief għal fatt li s-serq hu aggravat biss bil-valur. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Dwar is-sentenza sospiża tal-20 ta' jannar, 2004, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u testendi l-perjodu operattiv ta' tali sentenza għal żmien ta' sentejn mil-lum. Inoltre, billi jirrizulta li l-imputat għandu l-vizzju tad-droga tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino biex jassigura li l-imputat isegwi kors għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------